MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 69/2009

**Antonio Said (I.D. Nru. 714020M), u b`digriet tas-6 ta` Ottubru 2010 Concetta Said nee Abela (I.D. 613729M), Maria Victoria sive Vivienne Brohier (I.D. 727050M), Tarcisio Said (I.D. 273252M), Guido Said (I.D. 363854M), Sylvana Spiteri (I.D. 55359M), Theresa Medati Hassanein Ibrahim (I.D. 575764M) u Rev. Carmelo sive Charles Said (I.D. 258066M) assumew l-atti bhala l-eredi ta` Antonio Said, stante l-mewt tieghu, Charles Said (I.D. Nru. 464858M), Vincent Said (I.D. Nru. 163360M), Joseph Said (I.D. Nru. 281862M), Raymond Said (I.D. Nru. 97765M), Stephen Said (I.D. Nru. 124869M) u Salvina Grixti nee Said (I.D. Nru. 78957M)**

***kontra***

**Adeodata sive Dorothy Micallef (I.D. Nru. 945348M), Dominic Said (I.D. Nru. 786752M), Angela Bonnici (I.D. Nru. 12650M), Salvina Abela (I.D. Nru. 593751M), Paul Said (I.D. Nru. 417456M), Emanuel Said (I.D. Nru.**

**13360M), Carmen Micallef (I.D. Nru. 692261M), Mario Said (I.D. Nru. 574457M), Joseph Said (I.D. Nru. 363754M) u Rosina Said (I.D. Nru. 568724M)**

***u***

**Registratur ta` l-Artijiet**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta` Jannar 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti flimkien mal-konvenuti kienu u huma l-ko-proprjetarji ta` porzjon art ta` cirka tliet mija u hamsa u tletin metru kwadru (335m$^2$), liema porzjon art tmiss mal-fond li jgib in-numru civiku disgha (9) fi Triq ir-Ruzell, H`Attard hekk kif delineat bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A ;*

*2. Illi l-konvenuti ilhom ghal zmien twil jippretendu li huma l-unici ko-proprjetarji tal-imsemmija porzjon art u li huma biss ghandhom xi forma ta` titolu ghall-istess porzjon art ;*

*3. Illi l-konvenuti waslu sabiex ipprezentaw applikazzjoni mar-Registru tal-Artijiet, (l-ewwel registrazzjoni mahduma fil-14 ta` Mejju 2004) sabiex jigu registrati in kwantu ghall-konvenuta Rosina Attard bhala uzufruttwarja tal-porzjon art kollha kemm hi u in kwantu ghall-konvenuti l-ohra bhala aventi dritt ghan-nuda proprjeta` tal-istess porzjon art fi kwoti indivizi ta` sehem minn disa` (1/9) kull wiehed ;*

*4. Illi din l-applikazzjoni giet milqugha mir-Registru tal-Artijiet nhar it-26 ta` Lulju 2004 u llum il-konvenuti jinsabu ndikati bhala l-unici li ghandhom xi dritt fuq l-imsemmija art u dana hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. B ;*

*5. Illi dan kollu sar ad insaputa tal-esponenti u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess fuq din il-porzjon art ;*

*Illi ghalhekk l-esponenti jitolbu lill-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. tiddikjara li l-esponenti huma ko-proprjetarji flimkien mal-konvenuti tal-porzjon art ta` cirka tliet mija u hamsa u tletin metru kwadru (335m$^2$), liema porzjon art tmiss mal-fond li jgib in-numru civiku disgha (9) fi Triq ir-Ruzell, H`Attard hekk kif delineat bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A ;*

*2. tordna lill-konvenuti jaghmlu dak kollu mehtieg sabiex issir rettifika tat-titolu registrat mar-Registru tal-Artijiet, inkluz il-pubblikazzjoni ta` kull att pubbliku li jista` jkun mehtieg sabiex isir dan u dan fi zmien perentorju li jkun prefiss lilhom minn din il-Qorti ; u*

*3. fin-nuqqas li l-konvenuti jonqsu milli jaghmlu dan fiz-zmien lilhom prefiss mill-Qorti, tawtorizza lill-esponenti jaghmlu dak kollu mehtieg sabiex jigi rettifikat it-titolu registrat mar-Registru tal-Artijiet, inkluz il-pubblikazzjoni ta` kull att pubbliku da parti ta` nutar debitament mahtur mill-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Registru tal-Artijiet prezentata fil-25 ta` Marzu 2009 li taqra hekk –

*1. Illi wara l-applikazzjoni li nghatat in-numru LRA 1180/2004 il-porzjoni diviza ta` art f`H`Attard, accessibbli mill-fond nru. 9, Triq ir-Ruzell, Attard, tal-kejl ta` cirka tlett mija u hamsa u tletin metri kwadri (335mk) giet registrata f`isem Rosina Said, Adeodata Micallef, Angel Bonnici, Salvina Abela, Dominic Said, Paul Said, Emmanuel Said, Carmen Micallef, Mario Said u Joseph Said bic-certifikat ta` titolu numru 12002734.*

*2. Illi gie mnaqqas il-kejl miktub ta` cirka tlett mija u hamsa u tletin metri kwadri (335mk) minhabba overlap mat-titoli 12002639 u 12001687.*

*3. Illi r-Registru tal-Artijiet mhux edott mill-fatti allegati mill-attur fil-konfront tal-intimati li rregistraw l-art f`isimhom, u pproceda ghar-registrazzjoni tal-art in kwistjoni fuq il-bazi tad-dokumenti u pjanti pprezentati lilu kif mitlub bil-ligi.*

*4. Illi, salv dak li jinghad hawn fuq, l-esponent jirrileva li l-presenza tieghu fil-kawza hi necessarja biss ghall-iskop ta` l-eventwali esegwibilita` tal-gudizzju tal-Qorti ai termini tal-artikolu 51(5) tal-Kap. 296 u ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-intimat li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-Registratur tal-Artijiet.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha prezentata fis-27 ta` Marzu 2009 li taqra hekk –

*Illi fl-ewwel lok l-atturi ma jistghux jipproponu din il-kawza billi ma ghamlux id-debita denunzja tal-proprjeta` in kwistjoni li huma qed jghidu li pperveniet lilhom minn wirt ;*

*Illi fit-tieni lok l-atturi ma ghandhom l-ebda interess jipproponu din il-kawza ghaliex ma ghandhom l-ebda dritt ta` proprjeta` jew titolu fuq l-art in kwistjoni u din l-art ma kenitx tappartjeni lill-wirt tal-genituri taghhom tant li la giet denunzjata u lanqas giet inkluza fid-divizjoni ;*

*Illi fit-tielet lok ir-rikors huwa monk ghax bl-ebda mod ma juri b`liema titolu l-atturi ghandhom xi dritt ta` proprjeta` fuq l-art in kwistjoni ;*

*Illi inoltre l-art tappartjeni esklussivament lill-konvenuti billi ilha fil-pussess taghhom u ta` missierhom esklussivament ad eskluzjoni ta` kull parti ohra ghal fuq minn tletin (30) sena u b`hekk anke operat il-preskrizzjoni akkwisittiva favur taghha ;*

*Illi dwar il-fatti dikjarati fir-rikors ta` l-atturi l-esponenti xtaqu jirrilevaw is-segwenti :*

*1. Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tal-atturi huma kontestati billi huma l-konvenuti qatt ma kienu ko-proprjetarji ma` l-atturi ta` din l-art imma kienu proprjetarji wahedhom ta` din l-art ad eskluzjoni ta` l-atturi ;*

*2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tal-attur mhux kontestati, kif ukoll mhux kontestati fit-tieni u fit-tielet u raba` paragrafu ;*

*3. Illi dwar il-fatti fil-hames paragrafu l-konvenuti qatt ma hbew mill-atturi li huma l-unici proprjetarji ta` din l-art u dejjem ippossjedaw palasament bhala proprjetarji eskluzivi taghha. Ghalhekk it-talbiet ta` l-atturi ghandhom jigu michuda.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta` Mejju 2009 fejn *inter alia* kien ddikjarat mid-difensur tal-atturi illi dik l-azzjoni attrici kienet l-*actio reivindicatoria.*

Rat l-atti li kienu prezentati mill-atturi fl-istess udjenza (fol 49 sa fol 58).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2009 fejn *inter alia* kien ddikjarat mid-difensur tal-atturi illi l-art in kwistjoni ma kienitx denunzjata lill-awtoritajiet fiskali.

Semghet id-deposizzjoni ta` Stephen Said fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 60 sa fol 81).

Rat in-nota b`dokumenti li kienet prezentata mill-atturi fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Rev. Fr. Charles Said fl-istess udjenza (fol 149 sa fol 153).

Rat in-nota b`dokumenti prezentata mill-atturi fl-20 ta` Jannar 2010 (fol 89 sa fol 148).

Semghet id-deposizzjoni ta` Salvina Spiteri u Charles Said fl-udjenza tad-19 ta` April 2010 (fol 158 sa fol 167).

Rat il-verbal tal-access li sar fl-art in kwistjoni fil-11 ta` Mejju 2010 (fol 168 u fol 169).

Rat id-digriet taghha tas-6 ta` Ottubru 2010 (fol 172) fejn wara l-mewt tal-attur Antonio Said fil-mori tal-kawza ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f`isem Maria Victoria sive` Vivienne Brohier u ohrajn wara rikors taghhom tal-5 ta` Ottubru 2010.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku li kienet prezentata fit-3 ta` Jannar 2011 u mahlufa fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2011, kif ukoll l-atti li kienu maghha annessi (fol 182 sa fol 188).

Semghet id-deposizzjoni tal-Perit Joseph Fenech u ta` Angela Bonnici fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2011 u rat id-dokument li kien esebit mill-ewwel xhud fl-istess udjenza (fol 193 sa fol 207).

Semghet id-deposizzjoni ta` Paul Said fl-udjenza tal-1 ta` Novembru 2011 u rat id-dokument li kien esebit mix-xhud (fol 209 sa fol 235).

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta` Mejju 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Sintesi tal-provi</u>**

Din il-Qorti kkostatat l-art in kwistjoni waqt access li ghamlet fuq il-post fil-11 ta` Mejju 2010. Waslet ghall-art minn gol-fond 9, Triq ir-Ruzell, Attard, billi ma hemmx access iehor ghaliha. L-art hija mdawra bil-hitan. Waqt l-access, din il-Qorti nkarikat lill-Perit Mario Cassar sabiex jiehu ritratti tal-art, jaghmel il-kejl taghha kif ukoll ihejji pjanta.

Din il-Qorti mhux biss ghandha l-pjanta tal-art de qua kif tirrizulta mir-relazzjoni tal-perit tekniku izda ghandha wkoll *site plan* rilaxxjata mir-Registru tal-Artijiet (Dok A).

Ir-Registratur tal-Artijiet approva **<u>certifikat ta` titolu</u>** Nru. LRA 1180/2004 relattiv ghall-art in kwistjoni fis-**<u>26 ta`</u>**

**Lulju 2004** (Dok B) a favur tal-konvenuta Rosina Said bhala uzufruttwarja u a favur tal-konvenuti l-ohra bhala nudi propjetarji ta` wiehed minn disgha ndiviz kull wiehed tal-istess art b`dan illi tnaqqas l-kejl ta` cirka 335 mk minhabba *overlap* mat-titoli bin-Nru. 12002639 u 12001687.

Fl-affidavit tieghu, l-attur **Antonio Said** jixhed illi l-access ghall-ghalqa de qua huwa minn gardina li tmiss mal-fond 4, Triq ir-Ruzell, Attard, li huwa proprjeta` tal-atturi. L-ghalqa kienet originarjament tinhadem miz-zija tieghu Kelina. Wara l-mewt ta` Kelina, l-ghalqa daret fuq missieru li kien jahdem l-ghalqa flimkien mieghu u ma` hutu. Meta miet missieru, l-ghalqa kompliet tinhadem minnu u hutu kollha, fosthom huh Carmelo li kien mizzewweg u jghix fil-fond 9 Triq il-Ruzell, Attard, fejn kienet tghix Kelina. Carmelo mar jghix hemm wara l-mewt ta` Kelina. Id-dar kienet tappartjeni lil Kelina u liz-zewg hutha li kienu Carmni u Salvatore li jigi missieru. Wara l-mewt ta` Kelina, missieru kien hallas xi flus lil Carmni ghas-sehem taghha fid-dar. Wara l-mewt ta` missieru, id-dar baqghet ghand l-ahwa u cioe` Anthony, Emanuel, Carmelo u Giuseppe. L-ahwa dejjem hadmu l-art. Qatt ma kien hemm qbil li l-ghalqa ddur f`isem huh Carmelo.

Kompla jixhed illi wara li mietu Emanuel u Giuseppe, saret id-divizjoni tal-beni li kien hemm komuni bejnu u Carmelo. Tal-ahhar, ha l-fond 9 , Triq ir-Ruzell, Attard, bhala sehemu. L-art in kwistjoni thalliet barra mid-divizjoni. Meta kien jaqa` d-diskors fuqha, Carmelo dejjem ibiddel id-diskors. Meta miet Carmelo, uliedu rregistraw l-ghalqa in kwistjoni bhala taghhom. Ma setax isir hekk, skond ix-xhud, ghax l-art dejjem giet inhadmet mill-ahwa kollha u qatt minn Carmelo wahdu.

L-attur **Stephen Said** xehed illi Karmenu Said (iz-ziju taghhom) dejjem kien jghid illi dwar l-art in kwistjoni kien hemm l-inkwiet. Kien jghidilhom biex ihalluha ghax ma kienx il-waqt illi jaqsmuwha. Baqa` qatt ma fisser

x`kien tassew l-inkwiet. Karmenu Said biss kien jaf l-iskola u allura hu kien jikkmanda. Mistoqsi dwar hajt ta` xi hames filati li kien hemm bejn l-art in kwistjoni u art ohra (li mhijiex fil-kawza) huwa xehed illi fl-imghoddi dak kien hajt tas-sejjiegh li mbaghad inbena bil-gebla tal-franka gholi ghaxar filati. Dak il-hajt dejjem kien jiftakru hemm. Jghid illi ... *din l-art kien jahdimha kulhadd, jien xbajt nahratha bil-mutur fil-presenza ta` missieri.* L-art baqghet mhux denunzjata peress illi huma u l-kugini ma kienux konvinti li l-art kienet taghhom. Jistqarr ... *ghax ma konniex decizi ta` min hi u hallejniha pendenti.* Temm jghid illi llum l-atturi kienu certi li l-art in kwistjoni kienet taghhom ukoll. Kif il-kugini kellhom dritt ghall-art hekk ukoll huma kellhom jedd ghaliha ... *ghax ahna daqskemm dahal missierhom dahal missieri u daqskemm dahlu huma dhalna ahna.*

L-atturi ddenunzjaw l-art in kwistjoni **fil-mori tal-kawza** permezz ta` zewg dikjarazzjonijiet *causa mortis* datati t-tnejn 13 ta` Jannar 2010 (fol 83 sa fol 87) wahda li tirrigwarda l-wirt *ab intestato* ta` Emmanuele Said li miet fil-25 ta` Marzu 1997 u l-ohra li tirrigwarda l-wirt *ab intestato* ta` missier l-atturi Giuseppe Maria Said li miet fil-5 ta` Awissu 1996.

**Rev. Fr. Charles Said** ikkonferma illi meta kien isaqsi liz-ziju Karmenu (hu missieru) fuq il-giardina in kwistjoni dak kien dejjem iwiegbu ... *hemmhekk hemm trouble kbir taqilghu xejn.*

**Charles Said,** iben Guzeppi Said, xehed illi huma dejjem dahlu mill-giardina fejn saret il-qasma, jibqghu dehlin gewwa u jigu ghall-art mertu tal-kawza. Kien fiha pala tal-bajtar, nasplija, tina u kien hemm id-dwieli fejn hemm il-hajt il-baxx. Fin-nofs kien hemm roqgha vojta ghall-mixtliet, basal, tadam. Missieru l-iktar li kien jidhol kien fil-giardina u jahdimha peress illi kien impjegat mal-Gvern, kien gardinar u dilettant tas-sigar u l-frott. Kien ilu jidhol fl-art ma` missieru sa minn meta kellu hames snin ...

*dejjem ma` missierna konna nkunu hemm gew.* Anke wara l-mewt ta` missieru, baqghu imorru fl-art in kwistjoni.

**<u>Angela Bonnici</u>** xehdet illi sa fejn taf hi, l-ghalqa de qua kienet dejjem ghand missierha li kien jiehu hsieb l-ghalqa u jahdimha wahdu. Fiha kellu xi naghag u kien jistiva l-patata

Dwar l-ghalqa, **<u>Paul Said</u>** xehed dwar illi *minn dejjem nafha f`idejn missieri kien l-owner taghha hu.* Jghid illi *lil Charlie Said,* (Father Charles) *lil missieru u lil hutu qatt ma rajnihom hemm gew, qatt.* L-art ghaddiet ghand missieru permezz ta` certu Pawlu Sciberras. Mistoqsi biex jghid x'kellu x`juri bhala prova ta` dan, ix-xhud iddikjara illi ma kellu xejn x`juri. Qal illi l-art kienet ilha registrata l-Ghammieri fuq missieru ghal aktar minn sittin sena. L-atturi kienu gieli jghaddu biss mill-moghdija u xejn aktar. Lanqas kienu jahartu l-art. Madwar ghoxrin sena ilu, missieru wahhal xatba u qieghed katnazz b`mod illi l-atturi ma setghux jghaddu aktar minn hemm. Iddikjara illi jekk il-kugini tieghu u cioe` l-atturi jipprezentaw dokument li jipprova li ghandhom sehem mill-art, hu u l-konvenuti l-ohra kienu lesti li jaghtuhom is-sehem taghhom.

**<u>Perit Joseph Fenech</u>** xehed illi kien inkarikat mill-konvenuti sabiex ihejji pjanta ta` ghalqa de qua ghall-fini ta` registrazzjoni fir-Registru tal-Artijiet. U hekk ghamel wara li mar darbtejn fuq il-post u ha l-kejl (Dok JF1). Fl-ewwel okkazjoni li mar gol-ghalqa, ra lill-attur Stephen Said. Il-perit staqsieh x`kellu x`jaqsam ma` hemm u Stephen Said wiegbu : *Le, hawnhekk jien m` ghandix x`naqsam u ma rridx ikolli x`naqsam ma` hawn wara.*

**Ikkunsidrat :**

**III.** **<u>Sottomissjonijiet</u>**

## i) <u>L-atturi</u>

Skond l-atturi, l-art in kwistjoni ilha f`idejn il-membri tal-familja Said sa mill-anqas l-1949. L-art baqghet tintuza, tinhadem u titgawda minn hut Mikelina Said. Wara l-mewt ta` missier l-atturi (Guzeppi Maria) u ta` zijuhom (Emanuel), l-art baqghet mhux denunzjata minn hadd mill-kontendenti. Cioe` nonostante l-art baqghet fil-pussess tal-membri <u>kollha</u> tal-familja Said li baqghu jokkupawha bhala sidien. L-ewwel ma pprova jirregistra l-art kien Carmelo Said (missier il-konvenuti) pero` ma kienx irnexxielu. In segwitu ppruvaw uliedu l-konvenuti u – bil-mohbi tal-atturi – rnexxielhom ghaliex (skond l-atturi) il-konvenuti ddikjaraw il-falz meta qalu illi l-art kienet ilha f`idejn missierhom <u>wahdu</u> ghal aktar minn sittin (60) sena. Fir-realta`, l-art kienet fil-pussess ta` missierhom <u>u</u> ta` hutu <u>wkoll</u>. Wara li r-registrazzjoni rnexxiet, il-konvenuti gew jidhru bhala l-unici bi dritt fuq dik l-art. In segwitu, l-konvenuti ghalqu kull access estern ghall-art b`mod illi l-uniku access ghaliha kien mill-fond 9, Triq ir-Ruzell, Attard, li huwa fil-pussess tal-konvenuti. L-atturi jikkontendu li l-konvenuti qatt ma kisbu l-art bil-preskrizzjoni akkwizittiva.
.

## ii) <u>Il-konvenuti</u>

Skond il-konvenuti, sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi, jinkombi fuq l-atturi l-obbligu tal-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni. Din il-prova ma tirrizultax – lanqas fir-rigward ta` parti mill-art – ghaliex l-atturi ma ghamlux il-prova li l-art kienet tappartjeni lill-antenati taghhom.

Il-konvenuti jkomplu hekk –

*L-argument tal-atturi huwa li la l-art giet registrata mill-konvenuti bhala taghhom allura bilfors ipperveniet lil*

*missierhom minghand l-antenati taghhom u bilfors li ghalhekk hija komuni. Dan l-argument huwa totalment fallaci ghaliex jinjora l-fatt illi missier l-atturi* (dan huwa zball evidenti ghaliex qeghdin jirreferu ghal missier *il-konvenuti*) *seta` dahal fil-pussess tal-art u ottjena titolu fuqha alliunde u billi huma* (jigifieri l-konvenuti) *jinsabu fil-pussess ma ghandhomx bzonn jaghmlu prova tat-titolu taghhom fil-konfront tal-atturi ghaliex huma dawn bhala rivendikaturi li jridu jaghmlu l-prova tat-titolu.*

Skond il-konvenuti, l-att ta` divizjoni jimmilita bhala prova kontra l-atturi ghaliex bl-att saret il-qasma tal-art kollha appartenenti lill-antenati tal-kontendenti tant li ma saret l-ebda riserva li seta` kien hemm xi propjeta` li kienet sejra tibqa` ndiviza. Tant l-art in kwistjoni ma kienitx tal-antenanti illi qatt ma kienet denunzjata.

Skond il-konvenuti, it-titolu taghhom ghall-art twieled mill-pussess li missierhom kellu wahdu tal-art u li mbaghad kompla fuqhom. Favur taghhom wahedhom topera l-preskrizzjoni akkwizittiva u estintiva tat-tletin (30) sena. Fil-kaz tal-atturi, mhux biss ma hemmx prova ta` titolu risultanti minn xi att jew dokument li jipprova titolu, izda lanqas ma hemm prova ta` titolu ta` preskrizzjoni ghaliex ma saritx il-prova illi l-antenati tal-atturi kienu jippossjedu *uti dominus.* Kwindi l-*actio reivindicatoria* tentata mill-atturi hija nsostenibbli.

**Ikkunsidrat :**

**IV. L-ewwel eccezzjoni**

Bl-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi l-atturi ma jistghux jipproponu din il-kawza billi ma ghamlux id-denunzja tal-proprjeta` in kwistjoni li huma qed jghidu li pperveniet lilhom minn wirt.

Irrizulta illi **fil-mori tal-kawza** l-atturi ddenunzjaw l-art in kwistjoni permezz ta` zewg dikjarazzjonijiet *causa mortis* datati t-tnejn 13 ta` Jannar 2010 (fol 83 sa fol 87) wahda li tirrigwarda l-wirt *ab intestato* ta` Emmanuele Said li miet fil-25 ta` Marzu 1997 u l-ohra li tirrigwarda l-wirt *ab intestato* ta` missier l-atturi Giuseppe Maria Said li miet fil-5 ta` Awissu 1996.

Il-Qrati taghna matul is-snin kellhom okkazjoni jiddikjaraw illi "*it-teorija tal-jus superveniens giet dejjem applikata mill-Qrati taghna ghall-kazijiet meta minghajr ma tbiddel id-domanda sew ghal oggett jew ghall-kawza, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni izda dak id-dritt minnu mitlub jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bazi tad-duttrina wisq akkreditata, dejjem accettat li minflok issir kawza ohra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u li gie in ezistenza jew fl-ezercizzju tieghu waqt il-kawza, jista jkun deciz f'dik l-istess kawza*" (ara "**Falzon v. Camilleri**" – Qorti tal-Appell – 8 ta` Frar 1943).

A bazi tad-dottrina ta` *jus superveniens*, fil-kawza "**Clarke noe v. Griscti noe**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-22 ta' Marzu, 1990, kienet milqugha talba ghall-ezekuzzjoni ta' konvenju meta l-permess rikjest mil-ligi biex kompratur barrani jakkwista skont il-ligi vigenti dak iz-zmien gie ottenut fil-mori tal-kawza.

Fil-kawza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXIII.I.254**, inghad illi "*jus superveniens firmat actionem et exceptionem u ghalhekk jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel kienet difettuza tigi msahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjez*". (ara wkoll "**Grima v. Said**" - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**PC**) - 20 ta' April, 2012).

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Mejju 2007 fil-kawza '**Galea vs Zammit Haber**', il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**AE**) [konfermata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza tal-14 ta` Mejju 2010] qalet hekk dwar il-*jus superveniens* –

*"Il-kuncett gie applikat mill-Qrati taghna anke meta difett inizjali gie sanat bis-sopravenienza tad-dritt per ezempju wara l-eccezzjonijiet, sahansitra wkoll meta l-kawza kienet fi stadju ta` appell.*

*Hekk per ezempju fil-kawzi Carmela Catro` vs Arturo Grech et deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Mejju 1947 (Vol. XXXIII.i.108.) :- "illi wara s-sentenza ta` l-Ewwel Qorti l-appellanti pprezentat ic-cedola ta` l-irkupru u b`hekk irradikat id-dritt taghha pretiz fic-citazzjoni. In vista ta` dan, u bis-sahha tal-principju jus superveniens firmat actionem vel exceptionem, ma jistax jinghad izjed li l-appellanti ma ghandhiex interess ghall-ezercizzju ta` l-azzjoni prezenti, li ghandha bhala skop li twaqqa` permuta li tippretendi falza u simulata, biex thares id-dritt taghha ta` l-irkupru u tlesti triq ghall-kawza tar-rivendizzjoni. Ghalhekk biss, ghall-motiv tal-jus superveniens fuq imsemmi, hemm lok li ssentenza ta` l-Ewwel Qorti tigi revokata, u li l-kawza tigi mibghuta lill-istess Qorti ghat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu".*

*Bhal din is-sentenza hemm ohrajn:- Salvino Abela vs Jimmy Spagnol deciza mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta` Jannar, 1986; Antonio Falzon vs Salvatore Camilleri et deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-8 ta` Frar, 1943 (Vol. XXXI.i.588) ; u Maria Concetta Cardona vs Salvatore Bonnici et deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-30 ta` Gunju 1947 (Vol. XXXIII.i.195)."*

**Din il-Qorti tghid illi fil-kaz tal-lum ma hemmx lok li tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li bid-denunzja tal-propjeta` kif fuq inghad, ghalkemm fil-mori tal-kawza, kienet stabbilita r-regolarita` ta` dan il-procediment abbazi ta`** ***jus superveniens.***

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Dritt</u>**

**i) <u>L-*actio rei vindicatoria*</u>**

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Dicembru 1951 fil-kawza "**<u>Copperstone vs</u> <u>Grech et</u>**", din il-Qorti identifikat l-estremi tal-*actio rei vindicatoria* –

*1) li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li kien akkwista dak id-dominju legittimament ;*

*2) li l-konvenut ikun jippossjedi l-haga.*

Fis-sentenza taghha tal-1 ta` Lulju 2005 fil-kawza "**<u>Galea Testaferrata vs Said et</u>**", il-Qorti tal-Appell irreteniet bl-aktar mod car u kristallin illi -

"***l-attur f`kawza rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tieghu ta` proprjeta` fuq il-haga rivendikata, u li tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b`mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken imur favur il-possessur konvenut. Jekk il-Qorti ma tkunx ghal kollox sodisfatta mid-dritt tal-attur, ghandha tillibera lill-konvenut jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti minn kwalunkwe dubju***."

Fis-sentenza taghha tas-17 ta` Novembru 1958 fil-kawza "**<u>Buhagiar vs</u> <u>Borg et</u>**", il-Qorti tal-Appell irriteniet illi anke jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah, jekk ir-revindikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju.

Il-fonti ta` dan ir-ragjonament huwa ghaliex "*il possessore non deve provare cosa alcuna in forza della regola giuridica 'possideo quia possideo', e spetta al suo avversario di provare la mala fede del possessore, perche la buona fede sempre si presume ed il possesso e` il migliore dei titoli, copre tutto, ed anzi li fa supporre tutti*" (ara – "**Lenard noe vs Fabri**" – Qorti tal-Kummerc – 13 ta` Dicembru 1883).

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 2000 fil-kawza "**Chircop et vs Micallef et**", il-Qorti tal-Appell osservat hekk –

*Il-prova tal-propjeta` tista` ssir jew bl-esebizzjoni tat-titolu ta` l-akkwist jew bl-istess preskrizzjoni akkwizittiva jew bi kwalunkwe mezz iehor permess mil-ligi. L-istess awtur Laurent, wara li jitkellem fuq il-prova li tigi mit-titolu ta` l-akkwist, ighid : "Colui che rivendica puo` altresi invocare la prescrizione". Dak l-awtur ifakkar fid-dubju ta` xi awturi fuq dan il-mezz ta` preskrizzjoni, dubju li hu bazat fuq ir-rifless li una volta l-uzukapjoni tippresupponi l-pussess tar-rivendikant u una volta l-azzjoni rivendikatorja ghall-kuntrarju tippresupponi l-pussess mhux fir-rivendikant imma fil-konvenut, per konsegwenza tidher haga kontradittorja illi r-rivendikant li ma ghandux il-pussess, jista` jinvoka l-preskrizzjoni bhala prova tad-dominju tieghu. Dan id-dubju huwa pero` aktar apparenti milli reali ... Il-gurisprudenza taghna segwiet dawn il-principji u fil-kawza* ***"Attard vs Fenech"*** *maqtugha mill-Qorti ta` l-Appell fit-28 ta` April 1875 (Vol.VII.390) jinsab dikjarat illi : "in difetto di un titolo scritto, l`attore e` ammesso a provare il suo dominio, con qualunque altro mezzo permesso dalla legge (Vol.XXIX.II.488).*

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 1980 fil-kawza "**Cassar noe vs Barbara et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Min jitlob ir-rivendikazzjoni jrid jipprova d-dominju ossija l-proprjeta` fih tal-haga li jrid jirrivendika. Mhix sufficjenti l-prova li dik il-haga mhix tal-konvenut, imma jrid juri pozitivament li hi tieghu nnifsu, ghaliex "melior est conditio possidentis", u din il-prova hemm bzonn li tkun kompleta u konklusiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut.*

Dwar dan l-aspett, il-**Laurent** (Vol VI, Pag 160) jghid hekk –

*"e` dunque il suo diritto di proprieta` che il rivendicante deve provare. Finche` non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla da provare ed egli puo` serbare il silenzio, e vincera` la lite percio` solo che il rivendicante non avra` provato di essere proprietario. Cio` e` universalmente ammesso dalla dottrina e dalla giurisprudenza."*

Ukoll fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) fil-kawza "**Testaferrata Bonici et vs Montanaro"** tas-27 ta` Gunju 2003 inghad hekk –

*Din il-prova tad-dominju tista` ssir mhux biss permezz ta` titolu izda anke bi kwalsiasi mezz iehor. "In difetto di un titolo l`attore e ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge" (Vol. VII p390; Vol. II p 893). Hija allura permessa skond il-parir awtorevoli tal-Fadda (paragrafu 341) anke prova kongetturali jew semplici presunzjoni in kwantu "ne occorre quindi che l`attore giustifichi in mod pieno il da lui vantato dominio, ma basta che fornisca argomenti prevalenti a quello del suo avversario.*

**ii) Kap. 296 tal-Ligijiet ta` Malta**

Ir-Registratur tal-Artijiet huwa **konvenut** fil-kawza tal-lum.

L-Att dwar ir-Registrazzjoni ta` l-Artijiet (Kap.296 tal-Ligijiet ta` Malta) kien introdott bl-Att XXXV ta` l-1981 bl-iskop li "*iwaqqaf Registru ta` l-Artijiet biex jirregola r-registrazzjoni ta` titolu ghal art, u biex jipprovdi ghal hwejjeg li huma incidentali ghal dan u konnessi mieghu".*

Kif osservat il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha tat-8 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Grima et vs Frendo et**" il-Kap.296 kienet *lex specialis* li biha *"…l-legislatur ried johloq sistema li permezz taghha jkunu jistghu jinhargu Certifikati ta` Titlu li jaghtu lill-possessur taghhom titlu asssolut `erga omnes` u biex b`hekk tkun tinholoq sitwazzjoni ta` certezza ghal dak li jirrigwarda titli fuq proprjeta` immobiljari ... Ir-registrazzjoni ta` kull persuna bhala sid ta` art b`titolu garantit jaghti lil persuna hekk registrata titolu irrevokabbli ghaliha, jigifieri, titolu li ma jistax jigi meghlub hlief kif provdut f`dan l-Att …."*

Meta ssir applikazzjoni, l-applikant ghandu l-obbligu li jissottometti pjanti u kopja tad-dokument li abbazi taghhom qed jitlob ir-registrazzjoni. Ir-Registratur tal-Arijiet johrog avviz (Art.18) sabiex kull min jidhirlu illi r-registrazzjoni tolqotlu xi drittijiet minn tieghu, ikun jista` joggezzjona ghat-titolu. Din hija l-"kawzjoni" li hija regolata bil-Parti V tal-Att. Inoltre r-Registratur jista` *a sua sponte*` jirrifjuta li jirregistra l-applikazzjoni, anzi huwa pprojbit milli jirregistraha, fil-kaz illi l-proprjeta` li dwarha ssir l-applikazzjoni hija diga` registrata [Art 19(2)]. F`dak il-kaz, it-tieni registrazzjoni tigi konvertita *ex lege* f`kawzjoni.

Meta jinhareg ic-certifikat tat-titolu, dak it-titolu mhux aktar sindakabbli mill-Qrati **hlief** fic-cirkostanzi specifikament kontemplati bil-ligi. Bl-emendi tal-1995, it-titolu minn assolut sar garantit. Ghalhekk fil-kaz ta` dawk l-immobbli li jaqghu fl-ambitu ta` arja ta` registrazzjoni,

ladarba l-Kap 296 huwa *lex specialis*, mela il-ligi applikabbli huwa l-Kap 296.

Mhux rekwizit illi min jirregistra art fuq ismu jkun fil-pussess fattwali taghha ghaliex ir-registrazzjoni tiddependi esklussivament fuq id-dominju u fuq it-titolu. Ir-Registratur tal-Artijiet ghandu setghat kwazi gudizzjarji sabiex jiddetermina min ghandu jigi registrat bhala *sid* tal-art.

Sal-mument illi ssir l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-art, ir-Registratur jista` jkun involut kontinwament sabiex jesprimi ruhu dwar diversi aspetti ta` fatt u ta` ligi li jolqtu t-titolu vantat. Skond l-**Art.43(1) tal-Kap.296**, l-artijiet kollha registrati huma suggetti ghal hekk imsejha mil-ligi stess bhala *interessi li jipprevalu*. Lista ta` dawn l-interessi tirrizulta fl-istess disposizzjoni. Ir-Registratur tal-Artijiet ghandu l-jedd u l-obbligu li jiddelibera dwar kwistjonijiet li jolqtu t-titolu tal-art li dwar ssir talba ghar-registrazzjoni. Mid-decizjoni tar-Registratur, jista` jsir appell. Ir-Registratur m`ghandux gurisdizzjoni esklussiva b`mod li l-Qrati ordinarji ma jistghux jiehdu konjizzjoni tal-meritu. Ir-Registratur jindaga dwar it-titolu biss ghall-fini tar-registrazzjoni.

Fl-**Art 51(1) tal-Kap 296**, hemm mahsuba il-kazi fejn jistghu jsiru korrezzjonijiet fir-registru fuq ordni tal-qorti kompetenti jew fuq ordni tar-registratur. Fost ohrajn, hemm il-kaz indikat fil-paragrafu (d) meta *qorti kompetenti jew ir-registratur ikun sodisfatt li d-dhul fir-registru jkun inkiseb b'qerq jew bi vjolenza u fil-kaz tal-qorti, tordna li ssir korrezzjoni fir-registru.*

Skond l-**Art 51(4) tal-Kap.296**, *ir-registratur ghandu jobdi l-ordni ta' kull qorti kompetenti dwar kull art registrata tigi notifikata lilu s-sentenza jew meta tinghatalu kopja ufficjali taghha flimkien ma' dikjarazzjoni mir-Registratur tal-Qorti li ticcertifika li s-sentenza tkun finali u konklusiva*.

Skond l-**Art 51(5) tal-Kap.296**, *qorti ma ghandhiex tordna l-korrezzjoni tar-registru kemm il-darba r-Registratur ta' l-Artijiet ma jkunx parti fil-procedimenti li dwarhom isir l-ordni.*

**iii) Il-preskrizzjoni tat-tletin (30) sena**

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Marzu 1953 fil-kawza "**Caruana et vs Vella**" (Vol.XXXVII.I.105) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Illi pero` kif intqal ghall-effacija taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta` fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-propjetarju taghha – animus et corpus ; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Ghalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b`mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprija imma bhala haga ta` haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta` titolu jew ta` bona fede ... Dan il-pussess b`ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.*

Fis-sentenza taghha tat-2 ta` Marzu 1963 fil-kawza "**Spiteri vs Saliba"** (Vol. XLVI,I.149) il-Qorti tal-Appell rrilevat illi l-*possesso dev`essere una manifestazione esteriore e visibile del fatto che si pretende di acquistare.* **Ricci** fid-*Diritto Civile* jsostni li mhux bizzejjed li l-possessur jallega li kellu l-*animo domini* u jieqaf hemm ... *ma esige che esso si trova in tal condizione, in rapporto al suo possesso, che questo apparisca esternamente un*

*vero possesso in nome proprio, non gia` detenzione della cosa in nome altrui.*

Il-mod tal-akkwist tal-proprjeta jiddistingwi ruhu bejn originali u derivattiv. Huwa titolu originali dak li l-bazi tieghu ma jiddependix minn titolu precedenti. Titolu derivattiv hu dak li jsehh bit-trasmissjoni ta` dritt minn soggett tad-dritt ghal iehor. Ezempju tipiku ta` akkwist originali hija l-preskrizzjoni akkwizittiva ta` tletin sena, li ma tiddependix minn akkwist minghand haddiehor. Hu biss fil-kaz ta` akkwist derivattiv li jigi applikat il-principju li l-akkwist jiddependi mill-esistenza tad-dritt tal-awtur. Il-konsegwenza hi li l-akkwist b`titolu originali hu iktar b`sahhtu minn titolu derivattiv, ghas-semplici raguni li fil-kaz tal-ahhar jista` jkollok sitwazzjoni li persuna takkwista dritt minghand min mhuwiex sid.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**Pace vs Abela**" (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Settembru 2011) din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/LFS**) qalet hekk –

*Min jallega l-uzukapjoni trigenarja bhala bazi tad-dominju minnu vantat, ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta` titolu jew tal-bona fede. U l-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta` tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala `causa acquisitionis` tista` tkun tacita, cioe` deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni …*

*Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali ma hemmx bzonn il-"giusto titolo" u lanqas il-"buona fede" minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-*

*uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun"animo domini.*

U fis-sentenza taghha tat-23 ta` Novembru 1962 fil-kawza "**Azzopardi noe vs Farrugia**" (Vol XLVI.I.36l) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*.... irid juri li huwa sahhah fih il-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u ghal zmien determinat mil-ligi. Dawn il-kondizzjonijiet juru l-kwalita` tal-pussess animo domini, li ghandu jkun akkoppjat maz-zmien rikjest mil-ligi biex isahhah il-preskrizzjoni.*

**Ikkunsidrat :**

**VI. Risultanzi**

A fol 27 et seq kien prezentat bhala prova mill-konvenuti att ta` divizjoni tat-18 ta` Dicembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia. Dan l-att kien jittratta l-qasma ta` mmobbli li kienu fi stat ta` kompropjeta` bejn il-kontendenti fil-kawza tal-lum jew l-aventi kawza taghhom. Il-qasma saret in kwantu ghal terz indiviz li kien jappartjeni lil Carmelo Said (u cioe` missier il-konvenuti), in kwantu ghal terz iehor indiviz appartenenti lill-attur Antonio Said (li miet fil-mori tal-kawza), u in kwantu ghall-ahhar terz indiviz li kien tal-atturi l-ohra flimkien. Lil Carmelo Said, l-awtur tal-konvenuti, jirrizulta li kien assenjat, accettanti l-atturi kollha, il-Porzjoni A li *inter alia* kien jinkludi l-fond 3, Triq ir-Ruzell, Attard. Jirrizulta li llum dak il-fond igib in-numru 9 minflok in-numru 3. Huwa l-fond li minnu l-Qorti setghet taccedi biex tikkostata l-art in kwistjoni.

L-att tal-qasma ma jsemmi propju xejn dwar l-art in kwistjoni li fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat hija deskritta bhala *porzjon art ta` circa tliet mija u hamsa u*

*tletin metro kwadru (335 mk) liema porzjon art tmiss mal-fond li jgib in-numru civiku disgha (9) fi Triq ir-Ruzell, H`Attard, hekk kif delineat bl-ahmar fuq il-pajnta hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.* Mir-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar (ara fol 182 et seq) jirrizulta illi l-*arja superficjali tal-porzjon art* (in kwistjoni) *tammonta ghal cirka 380 metri kwadri.* A fol 46 il-konvenuti jikkontendu illi l-art in kwistjoni tappartjeni lilhom ghaliex kienet tappartjeni lil missierhom Carmelo Said *b`titolu ta` preskrizzjoni u kien ilhom fil-pussess tieghu ghal madwar sittin (60) sena qabel ma miet.* L-art hija deskritta hekk – *bicca art tal-kejl ta` tlett mija u hamsa u tletin metri kwadri (335 mk) li mghandhiex faccata fuq triq u lanqas mghandha access indipendententi u hija ccessibbli biss mill-fond numru 9, Triq ir-Ruzell, Attard ; dina l-art tikkonfina mix-xlokk mal-istess fond numru 9 Triq ir-Ruzell Attard, mil-lbic ma` beni tal-Imhallef Joseph David Camilleri u mit-tramuntana ma` beni ta` terzi.*

L-atturi qeghdin jikkontendu li mhux biss il-konvenuti izda anke huma kompropjetarji tal-art in kwistjoni ghaliex meta sabu li l-konvenuti kienu ghamlu l-procedura ta` registrazzjoni skond il-Kap 296 tal-Ligijiet ta` Malta fejn hareg certifikat ta` titolu li jaghmel mill-konvenuti l-unici sidien tal-art de qua huma ntavolaw din il-kawza – *sic et simpliciter.* Fil-kawza tal-lum, l-atturi ma pprezentaw l-ebda prova ta` titolu abbazi ta` att pubbliku. Il-prova li l-fatti graw kif qeghdin jghidu l-atturi kienet tinkombi lilhom. Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova hekk determinanti propju ma saritx.

Meta taghsar il-provi, issib illi fuq firxa twila ta` snin – ben oltre t-tletin (30) sena – hadd ma fixkel lill-konvenuti fil-pussess tal-art de qua. Ma ninsewx illi l-art kienet fil-pussess tal-konvenuti ghal aktar minn tletin (30) sena u ghal aktar minn tletin (30) sena l-uniku access ghal dik l-art kien mill-fond 9, Triq ir-Ruzell, Attard. Jirrizulta li l-konvenuti fiz-zmien rilevanti kellhom il-pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku, u interrott tal-art in kwistjoni. U l-pussess kien *animo domini.* Ma jistax jinghad l-istess

dwar l-atturi. It-tezi taghhom illi l-art de qua kienet <u>indistintament</u> fil-pussess tal-familja Said *in toto* hija biss pretiza, li ma kenitx ippruvata *oltre l-prova diabolica* – tenut kont tal-fatt illi dik attrici kienet *in sostanza* l-*actio rei vindicatoria.*

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talbiet kollha tal-atturi.**

**Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------